

Iżżu hajr lil Alla f'kollox...ma' Marija

1975–2025
SENA PARROĊĊA

# Fleur-de-Lys
# 50 Sena Parroċċa



# Talba għall-Parroċċa

Mulej, li tlaqqagħna flimkien biex inħossuna ġens magħżul, Saċerdozju regali u poplu qaddis, ħalli nxandru l-għemejjel Tiegħek tal-għaġeb, bierek il-parroċċa tagħna f'dan l-anniversarju speċjali.

Agħmel li din tkun komunità tal-aħwa li tilqgħek, bis-smigħ tal-Kelma Tiegħek, fis-sehem tal-Ewkaristija, fis-servizz tal-Karita', nistgħu nħossu u nindunaw li aħna poplu t'Alla.

Agħmel, li kull wieħed minna fil-parroċċa jisma' s-sejħa li Int tagħmillu, jilqagħha bil-fidi u jgħixha bil-ferħ, mgħejjun mix-xhieda nisranija ta' kul-ħadd.

Agħmel li l-Parroċċa tagħna tkun familja kbira fejn, fl-għaqda ta' kul-ħadd, saċerdoti, reliġjużi, familji u lajċi, jagħarfu d-doni tal-Ispirtu s-Santu, jaqsmuhom bil-qalb u jerfgħu r-responsabbilta' propja tagħhom għall-bini tas-Saltna t'Alla.

Marija, Omm u Ġmiel tal-Karmelu, ressaq lill-Mulej it-talba tagħna u ħares il-Komunità Parrokkjali tagħna. Ammen.

Maħruġ minn:

Parroċċa Madonna tal-Karmnu, Fleur-de-Lys
252, Triq Fleur-de-Lys, Fleur-de-Lys, BKR 9069
Tel: 2144 1769
Email: parrocca.fleur.de.lys@maltadiocese.org
www.fleurdelysparish.com
Find us on Facebook fleurdelysmalta.parish

*Messaġġ minn*
# Dun Darren Pace
*Amministratur tal-Parroċċa*



Meta ta' qabilna waqqfu l-parroċċa tagħna għażlu bħala motto għall-parroċċa: 'Ut Floreat' (j'alla dejjem twarrad). Illum meta nħarsu lura lejn dawn il-50 sena nistgħu ngħidu li dan seħħ b'mod jew b'ieħor. Il-parroċċa kibret minn dik li kienet fil-bidu u magħha ukoll seħħew bidliet oħra. Imma dak li l-patrijiet 50 sena ilu żergħu bit-tama llum qegħdin ngħixuh u issa jmiss lilna li niżirgħu bit-tama biex ta' warajna ukoll jaqtgħu l-frott tal-ħidma tagħna.

Il-parroċċa minna nfisha hija sinjal ta' tama. Fiha l-komunità nisranija issib it-tama għall-fidi tagħha li tgħina timxu 'l quddiem sa kemm dik it-tama tilħaq il-milja tagħha fil-ħajja ta' dejjem. Fil-parroċċa l-fidi nisranija ssib li tama tagħha ma hiex fiergħa jew weħidha imma hemm kommunità ta' persuni li flimkien jaqsmu l-istess twemmin u tama.

Hija grazzja minn Alla li dan l-anniversarju sabiħ tal-parroċċa tagħna qiegħed iseħħ f'din is-sena tal-Ġublew tat-tama. Mhux biss aħna nittamaw imma l-knisja kollha tittama f'żminijiet aħjar fil-mixja tal-fidi tagħna. Jalla l-parroċċa tagħna tkun bħal ma dejjem kienet għajn ta' tama u faraġ għal dawk li jersqu lejha! Papa Franġisku jgħallimna: Kull "iva" lil Ġesù hi żerriegħa ta' tama. Ħa jkollna fiduċja f'din it-tama li għad twarrad, f'din l-iva: "Iva, Ġesù, int tista' ssalvani, int tista' ssalvani"

Ħa tkun Marija Ommna u l-Ġmiel tal-Karmelu Padruna tal-Parroċċa tagħna dik li tmexxina fit-triq it-tajba tat-Tama biex mhux biss aħna nwardu imma l-Parroċċa li tibqa tkun għajn ta' ġid spiritwali għal uliedha kif xtaqha li tkun Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi meta waqafha.

# *Messaġġ minn*
# Fr Míċéal O'Neill, O.Carm
*Pirjol Ġenerali*

CURIA GENERALIZIA DEI CARMELITANI
VIA GIOVANNI LANZA, 138 - 00184 ROMA (ITALIA)
www.ocarm.org - email: seggen@ocarm.org
TEL. +39.6.462018.1

Rev. Fr. Darren Pace,
Parocca Fleur-de-Lys
253, Triq Fleur-de-Lys,
Fleur-de-Lys
BKR 9069
Malta

Rome, 5 January 2025
Prot. 3/2025

Dear Fr. Darren,

I join with you and the people of the parish of Fleur-de-Lys in giving thanks to God and to the Blessed Virgin Mary for the celebration of the 50th anniversary of the life of the parish of Fleur-de-Lys, dedicated to Our Lady of Mount Carmel.

This parish community has been built up over all these fifty years through the efforts and collaboration of many people. The Carmelite Order was at the heart of the community for many year, offering the presence of a community of religious, a deep and constant devotion to Our Lady of Mount Carmel, and the serenity of people in prayer, waiting each day for the mercy of the Lord to be revealed, in the way that God would chose to reveal that mercy to people who prayed earnestly for his favour.

Here in this Church generations of people, individuals and families came to know the love of God, they received his grace and help through the celebrations of the liturgy and the sacraments, and together they built a strong community of believers, nourishing the life of the people of the parish and the many others who would come to visit this church.

Now on the 50th anniversary the parish is assembled once again to give thanks and show their commitment at a time when the followers of Jesus Christ are being called to give clear witness to their faith. The gift of Carmel that was given to the parish and now the gift of Fr. Darren and all who work with him, will continue to show forth the love of God for all his people, calling on the motherly protection of Mary so that each day the people will be strengthened by the prayer of the community and by the way the community listens to the word of God and puts it into practice.

May your celebrations of 50 years of parish life and community bring joy to many hearts and renew the commitment of all members of the parish to an even fuller life of faith, hope and charity and may our Lady of Mount Carmel, be for all the sign of God's love and mercy, today, tomorrow and for all time.

Fr. Míċéal O'Neill, O.Carm.
Prior General

# *X'ġara 50 Sena ilu?*
# *U Illum?*
# *Mill-Istorja tal-Parroċċa tagħna*



Fil-25 ta' Jannar 1975 il-Fleur-de-Lys sar parroċċa b'digriet ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Il-limiti tal-parroċċa kienu meħuda minn dawk tal-Parroċċa ta' Santa Venera flimkien ma xi ftit familji mill-Parroċċa ta' Sant'Elena. Fl-10 ta' Frar 1991 Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca b'digriet ieħor żied il-limiti tal-Parroċċa minħabba żieda ta' familji ġodda mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, il-parroċċa ta' Santa Venera u l-Parroċċa ta' Sant'Elena.

Matul dawn l-ħamisin sena l-parroċċa kellha sebgħa kappillani u żewġ amministraturi. Patri Amadeo J. Zammit O.Carm kien l-ewwel Kappillan, warajh kien hemm Patri Mawrizju Mizzi O.Carm, Patri Anthony Parnis O.Carm, Patri Michael Farrugia O.Carm, Patri Mawrizju Mizzi O.Carm, Patri Joe Saliba O.Carm, Patri Ivan Scicluna O.Carm u Patri Martin D. Schembri O.Carm. Iż-żewġ amministraturi kienu Patri Pawl Cremona O.Carm u Patri Joe Vella O.Carm.

Kull kappillan ħalla ftit jew wisq l-impronta tiegħu fuq il-parroċċa. Patri Amadeo kien l-ewwel kappillan li miegħu bdejna din il-mixja bħala Parroċċa. Patri Mawriz għall-darbtejn kien il-kappillan ta' Fleur-de-Lys. Il-mibki Patri Tony Parnis kien dak li ħadem flimkien mal-Komunità Karmelitana li kellu miegħu biex ikollna ċ-Ċentru Familja Karmelitana għax sa dak iż-żmien il-laqgħat kienu jsiru fis-sagristija. Patri Michael Farrugia, kien imfittex għas-servizz ta' counselling minn dawk il-koppji jew familji li kienu għaddejin minn problemi. Patri Joe Saliba ħadem biex fi żmienu l-għaqdiet jiffjorixxu u biex il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u

l-Kummissjonijiet jimxu skont id-direzzjoni tas-Sinodu Djoċesan. Miegħu ukoll għexna ż-żmien sabiħ tal-Viżta Pastorali ta' Mons Arċisqof Pawlu Cremona. Patri Ivan Scicluna ħadem biex tiżdied aktar il-qima lejn l-Ġesù Ewkaristija għalhekk kien beda jorganizza adorazzjonijiet fis-skiet li jdumu sa tard billejl. Patri Martin ħadem ħafna biex tikber aktar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, l-Qaddisin Karmelitani u għal aktar vokazzjonijiet fl-Ordni Karmelitan mill-parroċċa.

Fil-parroċċa jgħixu madwar 2600 persuna fi 1200 familja. Fiha wkoll żewġ komunitajiet ta' Sorijiet Agostinjani, komunità ta' Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu, komunità tas-Sorijiet Karmelitani u komunità ta' Soċi Anzjani Irġiel tal-Museum li jgħixu fid-Dar Ħanin Samaritan.

Fis-sena 2023, L-Arċidjoċesi ta' Malta u l-Provinċja Maltija tal-Ordni tal-Aħwa tal-Karmelu temmew il-proċess li bih l-Provinċja Karmelitana għaddiet il-parroċċa ta' Fleur-de-Lys lill-Arċidjoċesi ta' Malta minħabba nuqqas ta' vokazzjonijiet fl-Ordni Karmelitan. Għalhekk l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Darren Pace bħala amministratur parrokkjali. Fil-Parroċċa għandna ukoll diversi għaqdiet li jgħinu fil-ħidma Pastorali dawn huma t-Terz Ordni Karmelitan, Leġjun ta' Marija rġiel u nisa, il-Komunità Ewkaristika, Grupp tal-Ħniena Divina u l-Grupp tal-Anzjani. Filwaqt li l-membri tal-Museum Bniet u Ċentru Familja Karmelitana jiprovdu formazzjoni kateketika lit-tfal, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ. Ma' dawn fil-knisja hemm għad ta' persuni li b'mod volontarju jgħinu fl-armar u tidif tal-knisja.  Jghinu fil-Liturġija għandna l-Kor Parrokjali, grupp sabih ta' abbatini u diversi animaturi u letturi. Bħal diversi rħula oħra madwar Malta fostna għandna diversi persuni ta' nazzjonalitajiet differenti li kemm jista' jkun nippruvaw nintegrawhom fil-ħajja tal-Parroċċa. Fost dawn għandna komunità ta' Filippini li ta' kull nhar ta' Ħadd jiċċelebraw l-quddiesa animata minnhom fil-knisja parrokkjali tagħna. Dawn kollha jagħmlu l-ħajja tal-Parroċċa tagħna aktar attiva u sabiħa. Bil-għajnuna tagħhom nħarsu 'l quddiem b'tama u fiduċja sħiħa.

# Programm

## Il-Ħadd 19 ta' Jannar 2025

### *Bidu taċ-Ċelebrazzjonijiet*

10.30am E.T. Mons Isqof Awżiljarju Joseph Galea Curmi jmexxi quddiesa flimkien mal-komunita Parrokkjali. Wara ftuħ ta' wirja dwar il-Parroċċa tagħna.

## It-Tnejn 20 ta' Jannar 2025

### *Jum L-Għaqdiet tal-Parroċċa*

6.00pm Rużarju mmexxi mill-membri tal-Leġjun ta' Marija

6.30pm Quddiesa mexxija minn Patri Joe Saliba O.Carm mistiedna l-membri tal-għaqdiet kollha tal-parroċċa.

## It-Tlieta 21 ta' Jannar 2025

### *Jum it-Tfal u ż-Żgħażagħ*

6.00pm Rużarju mmexxi mill-kattekisti tal-Museum u taċ-Ċentru Familja Karmelitana

6.30pm Quddiesa mexxija minn Patri Terrence Spiteri OSA mistiedna t-tfal, addoloxxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna.

## L-Erbgħa 22 ta' Jannar 2025

### *Jum l-Anzjani u l-Benifatturi*

9.00am Quddiesa minn Patri Martin D. Schembri O.Carm Mistiedna l-anzjani li jiltaqgħu fiċ-Ċentru Familja Karmelitana.

6.00pm Rużarju mmexxi mill-membri tal-Grupp tal-Ħniena Divina

6.30pm Quddiesa mexxija mill-Provinċjali Patri Charles Mallia O.Carm u fija nitolbu għall-Benifatturi ħajjin u mejtin tal-Parroċċa.

## Il-Ħamis 23 ta’ Jannar 2025

### *Jum ir-Reliġjużi li jgħixu fil-Parroċċa*

6.00pm Rużarju mmexxi mir-reliġjużi
6.30pm Quddiesa mexxija minn Patri Ivan Scicluna O.Carm. Fiha nitolbu għal aktar vokazzjonijiet reliġjużi u wkoll għar-reliġjużi Karmelitani mejtin li ħadmu fil-Parroċċa tagħna.

## Il-Ġimgħa 24 ta’ Jannar 2025

### *Jum l-Ewkaristija u s-Sagramenti*

6.00pm Rużarju mmexxi mill-membri tal-Komunita Ewkaristika
6.30pm Quddiesa mexxija minn Patri Maurice Abela O.Carm Kappillan tal-Parroċċa ta’ Santa Venera u fija nitolbu għal dawk li rċievew xi sagrament fil-parroċċa tagħna.
7.15 pm tibda velja ta’ talb mill-għaqdiet quddiem Ġesu Ewkaristija li fiha jitkanta it-Te Deum.

## Is-Sibt 25 ta’ Jannar 2025

### *Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa*

5.45pm Rużarju mmexxi mill-membri tat-Terz Ordni Karmelitan
6.15pm nilqgħu lil E.T. Mons. Arċisqof ta’ Malta Charles J. Scicluna
6.30 pm Konċelebrazzjoni Solenni mexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna b’radd ta’ ħajr lil Alla għat-twaqqif tal-Parroċċa tagħna.

**Żomm ruħhek aġġornat b'dak li qiegħed jiġri fil-parroċċa.**

Ibgħat email lil: **parroccafleurdelys@gmail.com**
biex tibda tirċievi l-avviżi tal-parroċċa kull ġimgħa.

Żur il-websajt tal-parroċċa: **www.fleurdelysparish.com** u l-Facebook: **www.facebook.com/fleurdelysmalta.parish**

# Il-Logo




Il-logo magħżul għal dan l-aniversarju tal-Parroċċa tagħna juri fl-isfond l-aniversarju tas-snin 50 sena (1975 – 2025) parroċċa. U hemm disinn tal-faċċata tal-knisja parrokjali tagħna li hi ċ-ċentru tal-parroċċa tagħna u tal -ħidma pastorali li ssir. U quddiem tidher parti mill-istatwa titulari tagħna xbieha tal-Madonna tal-Karmnu l-padruna tal-Parroċċa tagħna. Fil-labtu li qegħdha żomm il-Madonna hemm l-arma tal-Parroċċa tagħna il-Fleur-de-lys u l-istemma tal-Ordni Karmelitan fin-nofs tagħha. Marija li qegħdha torbot magħha l-parroċċa bil-labtu tagħha. Fl-aħħar hemm il-frażi meħuda mill-ewwel ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tesalonkin, "Iżżu ħajr li Alla f'kollox... ma' Marija". Il-Madonna tgħallimna kif nirringrazjaw lil Alla għal dak kollu li tana permezz tal-parroċċa tagħna u b'dawk kollha li tul dawn il-50 sena ħadmu fiha.

Dan il-logo ġie ddisinjat mis-Sur John Mercieca Hounsell.

# Patri Amadeo J. Zammit O.Carm

## *L-Ewwel Kappillan ta' Fleur-de-Lys*



P. Amadeo J. Zammit O.Carm

P. Amadeo twieled l-Imsida nhar it-28 ta' Frar 1938, l-ewwel wild ta' Pawlu u Carmela Zammit. Jumejn wara tgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida u ngħata l-isem ta' Joseph. Attenda l-iskola primarja tal-Imsida u l-Kulleġġi ta' San Alwiġi u ta' San Albert il-Kbir. Kien abbati fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida u membru attiv tal-Azzjoni Kattolika. Ta' dsatax-il sena ħaddan l-Ordni Karmelitan.

Ħa l-isem ta' Amadeo għas-saċerdot Misidjan ta' fama qaddisa Dun Amadeo Ebejer li kien direttur tal-Abbatini u li tiegħu Ġużi (P. Amadeo) kien qrib ħafna tant li ħuh, Fr Francis Zammit SDB, hu konvint li kien hu li nissel f'Ġużi l-vokazzjoni saċerdotali. Wara sena novizzjat fil-Kunvent tal-Imdina, għamel il-professjoni sempliċi fil-Knisja tal-istess Kunvent nhar is-26 ta' Ottubru 1958.

Kompla l-formazzjoni tiegħu fil-Kunvent tagħna ta' San Ġiljan u għamel il-professjoni solenni fil-11 ta' Novembru 1961. Nhar l-14 ta' Marzu 1964 Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi ordnah saċerdot fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

L-ewwel ftit snin tas-saċerdozju tiegħu P. Amadeo għaddihom fil-Kunvent tal-Imdina, imma fl-istess ħin fl-1965 beda jgħallem fl-iskola tal-Provinċja tagħna li dak iż-żmien kien jisimha Mt Carmel College. Dam jgħallem għaxar snin. Fl-1969 il-Provinċjal P. Ġustin Sant ħatru Segretarju u Assistent tiegħu u ġie assenjat għall-Komunità ta' Santa Venera, fejn kienu r-residenza u l-uffiċċju tal-Provinċjal. Fl-1967 intbagħat fil-Kunvent ta' Fleur-de-Lys bħala Surmast tal-Postulanti. Hemmhekk, fl-1973 sar Pirjol għal tliet snin. Matul dawk is-snin kien Direttur Provinċjali tal-vokazzjonijiet. Il-vokazzjonijet kienu għal qalbu ħafna sal-aħħar ta' ħajtu.

Fl-1975, meta Fleur-de-Lys sar parroċċa, P. Amadeo nħatar bħala l-ewwel Kappillan u dam jaqdi dan il-ministeru sal-1982, meta ġie assenjat għall-Komunità ta' San Ġiljan bħala Surmast tal-Istudenti.
Meta spiċċa minn Surmast P. Amadeo ngħata b'ruħu u ġismu għal proġett li kien il-ħolma l-kbira ta' ħajtu, ir-restawr tal-Kunvent il-qadim tal-Lunzjata, fil-limiti tar-Rabat, l-ewwel kunvent tagħna f'Malta. Bit-tħabrik tiegħu nbniet fil-post dar ġdida biex isservi bħala dar tal-irtiri. F'diversi żminijiet, sal-Kapitlu Provinċjali tal-2015, huwa kien Direttur tad-Dar tat-Talb 'Lunzjata' u fiż-żmien meta kien hemm komunità ċkejkna fil-post huwa kien ukoll jgħix hemmhekk. P. Amadeo kien jemmen li dan il-post bi stil ta' ħajja fis-skiet u t-talb u bil-ministeru tal-irtiri
kien l-aħjar mod kif nistgħu ngħixu ta' Karmelitani.
Mill-1991 sal-1997 kien Kappillan tal-Fgura u bejn l-1997 u l-2003 kien Pirjol Provinċjali tal-Provinċja Karmelitana Maltija. Kemm qabel u kemm wara li kien Provinċjal, kien ukoll Kunsillier Provinċjali. Għamel xi żmien ukoll editur tar-rivista tal-Provinċja, Il-Karmelu.
Fl-2006 Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħatru Delegat tiegħu għall-Membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata għal ħames snin.
L-aħħar tlettax-il sena ta' ħajtu P. Amadeo qattagħhom fil-Kunvent tal-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera, fejn kien darbtejn Pirjol. Tul dawn is-snin kollha huwa kompla jmexxi wkoll id-Dar tat-Talb 'Lunzjata.' Kien hemmhekk li fi Frar li għadda tah attakk tal-qalb waqt li kien qiegħed jipprepara biex iqaddes il-Quddiesa tal-Ħadd. Wara xi żmien fl-isptar u xi xhur ta' konvalexxenza fil-kunvent tiegħu, kien jidher li beda jistejqer, tant li kien reġa' beda jqaddes fil-knisja u jqarar, kif baqa' jagħmel sa lejlet li miet.
P. Amadeo kien iħobb ħafna l-Ordni u l-Provinċja tagħna. Kull uffiċċju li kellu qdih b'responsabiltà u dedikazzjoni kbira. Kien iħobb il-ħajja komunitarja u kien disponibbli ħafna għan-nies fl-appostolat.
Il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2016 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar il-Mulej għoġbu jsejjaħ għandu lil P. Amadeo Joseph Zammit. Huwa miet ħabta u sabta b'attakk qawwi tal-qalb fil-kunvent tiegħu ta' Misraħ Santa Venera, assistit mill- pirjol P. Jürgen Cucciardi.

Innu tal-Parroċċa



Tal-Karmelu Warda ħelwa,
Fik kull għaxqa, fik kull ġmiel,
Insellmulek bl-akbar qima
Fjur ifewwaħħ, qatt midbiel.

Rit: O Madonna tal-Karmelu,
Fuq sidirna l-Labtu tiegħek
Lilna żejjen bħala wliedek:
Bih wettaqna u żommna miegħek

Qalb il-palm, il-ward, l-vjoli
Qalb iż-żgħar u l-ġiżimin,
Inti ssaltan fl-oħla ġenna
Omm ħanina tal-bnedmin.

Rit: O Madonna tal-Karmelu



F'dik il-ġenna miegħek ridtna
Magħqudin bl-għeżeż rabtiet
U din l-għaqda saħħat fina
B'libsa mqaddsa tas-smewwiet.

Rit: O Madonna tal-Karmelu

Fuq dal-ġmiel int kewba tiddi:
Bl-ilwien tilma bħal qawsalla;
Tħalliniex fid-dlam nintilfu
Dawwal qalbna, Kbira Omm Alla.

Rit: O Madonna tal-Karmelu